MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru. 1271/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR SARAH MAGRI**
**VS**
**DOLORES ROSE MIFSUD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Dolores Rose Mifsud ta’ 49 sena, bint Joseph u Pailine nee’ Borg, mwielda Pieta’ fit- 8 ta’ Mejju 1962, residenti 7, Triq il- Hnejja, Sliema u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 289662M;

Talli;

1) nhar it- 2 ta’ Ottubru 2011 f’ xi hin matul il-gurnata, waqt li kienet gewwa Sliema, ikkommettiet serq ta’ mobile HTC Desire S, li l- ammont tieghu huwa ta’

€310 u ghalhekk jeccedi l- valur ta' €232.94 ghad-detriment ta' Gatic Licitis detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 59130A;

2) ukoll talli fis- 16 ta' Settembru 2008 u/ jew qabel jew wara din id- data, f' dawn il- Gzejjer, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, u cio'e telefon cellura, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, jew, xjentement b' kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

L-imputata sabet "mobile phone" fid-data indikata, u minnflok ma haditu u tatu lill-Pulizija, zammitu hi. Madankollu, meta giet interrogata mil-Pulizija, hi ammettiet mal-ewwel, u rritornatu lilhom. L-imputazzjonijiet li tressqu kontra l-imputata huma ta' serq u ta' ricettazzjoni, li huma alternattiva ghal xulxin. Tenut kont ghalhekk tal-ammissjoni bikrija u tal-fedina penali netta taghha, il-Qorti sejra taghti sanzjoni fil-komunita' minn flok piena f'dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------